# Santa Tereża Benedetta tas-Salib

***(Edith Stein)***



Fil-lejl bejn is-6 u 7 ta’ Awwissu 1942, kien għaddej “train” mill-Belġju għall-Ġermanja, li kien fih ‘il fuq minn elf Lhudi biex jintbagħtu f'kampijiet tal-konċentrament. Kif waqaf f’Schifferstadt fil-Belġju Suor Benedetta tas-Salib irnexxielha tittawwal minn tieqa żgħira li kien hemm fit-train u sejħet lill-kap ta' l-istazzjon. Staqsietu jekk kienx jaf bil-familja tal-qassis Schwind. Malli dak il-kap qalilha “iva”, Suor Benedetta talbitu biex iselli għal Dun Schwind u jagħrfu li hi Suor Benedetta li kien jafha bħala Edith Stein, kienet qiegħda tiġi mibgħuta l-Ġermanja. Kienet l-aħħar tislima ta' Suor Benedetta tas-Salib lill-ħbieb tagħha. Kellha wieħed u ħamsin sena.

Suor Benedetta kienet Lhudija mwielda fil-Polonja minn familja Lhudija, semmewha Edith kif baqgħet dejjem magħrufa.

Missierha Siegfried u ommha Augusta kienu Lhud ħerqana ħafna fir-reliġjon tagħhom. Siegfried, li kien jinnegozja fl-injam miet meta Edith kien għad għandha sentejn. Ommha kellha tkompli tmexxi n-negozju ta' żewġha biex titma' l-erba' uliedha u għalhekk Edith, tista' tgħid, ġiet imrobbija minn ħutha. Kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija l-familja kollha ta' Stein kienu jmorru fis-Sinagoga biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla kif kienet titlob il-liġi Lhudija, u meta kienu jerġgħu lura lejn id-dar, Augusta kienet tkompli tgħallem lil uliedha biex jimxu sewwa ma' Alla u qatt ma jagħmlu dak li Alla ma kienx irid.

Fl-iskola Edith uriet kemm kellha moħħha tajjeb, imma kienet aktarx imqarba u meta kellha xi ħmistax-il sena telqet il-kotba kollha u marret tgħix waħedha f’Hamburg. Xi sitt xhur wara, ommha marret tfittixha u Edith qatgħetha li terġa' lura lejn id-dar u tkompli tistudja. Ta' 19-il sena, daħlet fl-Universita' ta' Breslavja biex tistudja l-filosofija. Marret ukoll fl-Universita' ta' Gottinga fejn iltaqgħet mal-Professur magħruf Edmund Husserl, Lhudi bħalha u rebbieħ tal-Premju Nobel fil-filosofija. Edith issaħħret bit-tagħlim ta' Husserl li għaraf l-intelliġenza ta' Edith u baqa'

www.fleurdelysparish.com

sakemm għamilha assistenta tiegħu. Ħadd daqsha ma mexxa t-tagħlim ġdid tal-filosofija msejjaħ "fenomenologismo" li kien ivvinta Husserl.

Fis-sajf tal-1921, Edith kellha f'idejha d-dar tal-ħbieb tagħha Martins li kienu protestanti, miġbudin ħafna lejn il-Knisja. Kif sabet ruħha waħedha f'dik id-dar, Edith marret tfittex xi ktieb xtaqra fil-librerija. Qabdet l-ewwel ktieb li ġie f'idejha. Kien il "Santa Tereża ta' Ġesu", miktub mill-qaddisa stess. Bdiet taqra u ma ħallietx dak il-ktieb qabel ma spiċċatu kollu. Ħassitha li sabet "il-Verità". Malajr xtrat ktieb tal-Katekiżmu u ktieb tal-Quddiesa u wara li studjathom sewwa marret tisma' l-quddies. Kif spiċċat il-quddiesa daħlet fis-sagristija u talbet lill-qassis biex igħammidha. Dak weġibha li kien hemm bżonn ta' tħejjija, imma baqa' mistagħġeb mhux ftit meta beda jistaqsiha u sabha li taf sewwa l-katekiżmu.

Malli saret nisranija, ħutha u ommha qamu kontra tagħha għax ħalliet it-twemmin Lhudi, imma Edith riedet tkun ta' Kristu għal kollox. Telqet it-tagħlim li kienet twettaq fi Friburg u marret tgħallem fi skola tas-Sorijiet Dumnikani. Ftit taż-żmien wara talbet biex tidħol soru Karmelitana, imma ma ġietx milqugħa.

Edith damet seba' snin tgħallem fl-iskola tad-Dumnikani. Qallbet għat-Tedesk xi kotba ta' San Tumas u bdiet tagħmel konferenzi fl-ibliet ewlenin tal-Ġermanja. Fl-1932 Edith laħqet Professoressa fl-Istitut tal-Pedagoġija f'Munster. Ma damitx ħafna f'dan l-Istitut għax wara ħafna talb irnexxielha taqla' l-permess biex tidħol mas-Sorijiet tal-Kolonja. Malli saret taf ommha Augusta, għamlet minn kollox biex iġġagħalha tbiddel fehmitha, imma kien kollu għalxejn. Kollha ferħana Edith ħadet il-libsa Karmelitana fil-15 ta' April 1934 u sar jisimha Suor Benedetta tas-Salib. Għaddiet seba' snin fil-Monasteru tal-Kolonja, titlob u tikteb kotba u artikli, fosthom ktieb fuq San Ġwann tas-Salib jismu: "L-Għerf tas-Salib".

Fl-1938, fil-Ġermanja kollha kienet għaddejja mewġa kerha kontra l-Lhud kollha. Il-Gvern sar jaf b'Edith li kienet Lhudija, tgħix fil-Monasteru. Is-sorijiet raw li kien żmien ta' tħassib għall-ħajja ta' Edith. Ħadmu ferm sakemm irnexxielhom jibagħtu lil Edith fil-Monasteru ta' Echt fl-Olanda.

Kien għalxejn għax it-Tedeski fl-1940 daħlu fl-Olanda wkoll. Din id-darba s-sorijiet ħasbu biex jibagħtu lil Edith u lil oħtha Roża, li kienet tgħix ukoll mas-Sorijiet, fl-Isvizzera. Kien tard wisq. Fil-ħamsa ta' filgħaxija tal-21 ta' Awissu 1942, żewġ uffiċjali Tedeski ħabbtu l-bieb tal-Monasteru u staqsew għas-Superjura. Malli ġiet ordnawlha biex tibgħat magħhom lil Edith minnufih. Is-Superjura riedet iżżomm iebes. Kollu għalxejn. Is-suldati qabdu lil Edith u lil oħtha u tellgħuhom fuq truck. Il-ġirien ħarġu jgħajtu u jipprotestaw imma ma setgħu jagħmlu xejn.

www.fleurdelysparish.com

Iż-żewġt aħwa ġew mixħutin il-ħabs u msawtin bil-bsaten fuq daharhom. Ftit ġranet wara ġew mgħobbija fuq train biex jittieħdu l-Ġermanja flimkien ma' xi Lhud oħra miġbura minn kullimkien. Waslu f'Auschwitz fid-9 ta' Awissu u Edith ġiet mogħtija n-numru 44074. Dakinhar stess Edith Stein, magħrufa bħala Karmelitana, bl-isem ta' Suor Benedetta tas-Salib, ġiet maqtula kif ħabbret il-gazzetta tal-Gvern: "Numru 44074, Edith Theresia Hedwig Stein, imwielda fit-12 ta' Ottubru 1891 fi Breslau minn Echt mietet fid-9 ta' Awissu 1942". Hija kienet maqtula bil-gass u l-ġisem tagħha ġie maħruq fil-krematorju ta' Auschwitz. Edith kienet Karmelitana oħra, mogħnija bl-għerf u qdusija li daħlet fis-sebħ ta' dejjem.

Il-Papa Qaddis Ġwanni Pawlu II iddikjarha Beata fl-1 ta' Mejju 1987 u qaddisa fil-11 ta' Ottubru 1988. Fit-2 ta' Ottubru 1999 l-istess Papa ipproklama patruna tal-Ewropa. Il-festa ta' Santa Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein) tkun ċelebrata fil-knisja kollha fid-9 ta' Awwissu.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

www.fleurdelysparish.com